Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Jannar 2022**
**(OR. en)**

**14721/21**

**ENER 547**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar żewġ membri u tliet supplenti tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta'…**

**li taħtar żewġ membri u tliet supplenti tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

---

[1] ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/942 jipprevedi li l-Kunsill jaħtar ħames membri u s-supplenti tagħhom fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("il-Bord Amministrattiv").

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/942, jipprevedi li membru tal-Bord Amministrattiv ma għandux ikun membru tal-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, u li l-membri tal-Bord Amministrattiv għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u objettiv fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi.

(3) Minħabba l-iskadenza tal-mandat ta’ żewġ membri u tliet supplenti tal-Bord Amministrattiv maħturin mill-Kunsill, jenħtieġ li jsiru ħatriet ġodda biex jissostitwuhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħturin bħala membri tal-Bord Amministrattiv għal perijodu ta' erba' snin mit-28 ta' Jannar 2022:

– Is-Sur Václav BARTUŠKA, iċ-Ċekja,

– Is-Sur Jurijs SPIRIDONOVS, il-Latvja.

*Artikolu 2*

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħturin bħala supplenti tal-Bord Amministrattiv għal perijodu ta' erba' snin mit-28 ta' Jannar 2022:

– Is-Sa Kristina ČELIĆ, il-Kroazja,

– Is-Sur Péter KADERJÁK, l-Ungerija,

– Is-Sa Ksenia LUDWINIAK, il-Polonja.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*